

Brussell, 12 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15684/17

PUBLIC 92
INF 242

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL -
SETTEMBRU 2017

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Settembru 2017.¹²

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat b'hal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'SETTEMBRU 2017

Proċeduri bil-miktub li tlestew fl-4 ta' Settembru 2017

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Settembru 2017 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ĠU C 303, 14.9.2017, p. 2-2	10939/1/17 REV 1
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1537 tal-4 ta' Settembru 2017 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ĠU L 234, 12.9.2017, p. 6-6	10975/1/17 REV 1
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1535 tal-4 ta' Settembru 2017 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ĠU L 233, 9.9.2017, p. 6-6	10976/17
Deċiżjoni (UE) 2017/1599 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata assistenza lill-Italja ĠU L 245, 23.9.2017, p. 3-4	10978/17

Proċeduri bil-miktub li tlestew fl-15 ta' Settembru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1793 tal-15 ta' Settembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1792 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ĠU L 258, 6.10.2017, p. 3-3	12064/17
Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjonijiet u r-riassigurazzjonijiet ĠU L 258, 6.10.2017, p. 4-21	8065/17
<p>Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni</p> <p>Rigward il-bidla tal-bażi legali sostantiva għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, imressqa mill-Kunsill, il-Kummissjoni ma toġġezzjonax għal din il-bidla sabiex tippermetti l-iffirmar rapidu u l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim.</p> <p>Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Artikolu 207 TFUE biss huwa legalment il-bażi legali sostantiva adatta għal dawn id-Deċiżjonijiet u li għalhekk il-fatt li l-Kummissjoni ma oġġezzjonatx f'dan il-każ partikolari ma jikkostitwixxix preċedent għal ftehimiet internazzjonali futuri.</p>	
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1573 tal-15 ta' Settembru 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 238, 16.9.2017, p. 51-52	12108/17
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1568 tal-15 ta' Settembru 2017 li jimplimenta d-Deċiżjoni (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 238, 16.9.2017, p. 10-11	12113/17

It-3560 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI), li saret fi Brussell fil-25 ta' Settembru 2017

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1-16	43/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: LU, HU

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu

Rigward "il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) u li jistabbilixxi Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD", il-Lussemburgu jqis li bla dubju setgħet inkisbet regolamentazzjoni aktar b'saħħitha u li tiegħu iktar kont tal-pożizzjonijiet tal-Kunsill, kieku l-Istati Membri ngħataw aktar żmien biex janalizzaw id-dokumenti tan-negozjati u jippreparaw għall-laqgħat tal-Coreper.

Il-Lussemburgu jiddispjaċih li l-pakkett propost jagħti wisq importanza lill-migrazzjoni meta mqabbel mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u jkompli jirreferi għall-migrazzjoni fis-sens wiesa' minflok jirrestrinġi l-attenzjoni fuq il-migrazzjoni irregolari kif sar fl-orjentazzjoni parzjali tal-Kunsill.

Fir-rigward tal-ġestjoni tal-assi, il-Lussemburgu huwa partikolarment diżappuntat li dan il-kompitu ma ġiex assenjat lill-bank għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea. Il-kompiti tal-Istituzzjonijiet Ewropej differenti m'għandhomx jiġu mħallta u mhux xieraq li l-Kummissjoni Ewropea tamministra l-assi f'dan il-kontest. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investment huwa istituzzjoni finanzjarja soġġetta għall-istandards internazzjonali u Ewropej kollha applikabbli fil-qasam ta' governanza, b'linji ta' responsabbiltà definiti b'mod ċar u ħitan Ċiniżi, fost l-oħrajn, għall-ġestjoni tar-riskji u l-kontroll intern.

Il-Lussemburgu konsegwentement mhuwiex f'pożizzjoni li jagħti l-kunsens tiegħu dwar il-pakkett propost u għaldaqstant iddeċieda li jastjeni f'din il-kwistjoni li ma għandhiex tikkostitwixxi preċedent għal dan it-tip ta' strument fil-futur.

<p>Pożizzjoni (UE) Nru 5/2017 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI biex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI Adottata mill-Kunsill fil-25 ta' Settembru 2017 ĠU C 359, 24.10.2017, p. 1-7</p>	<p>10537/17</p>	<p>Maġġoranza kwalifikata</p>	<p>L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: AT. Ma jipparteċipawx: DK, UK</p>
<p>Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka</p> <p>Aħna nappoġġaw l-għan ewlieni, jiġifieri li 'tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali tal-Unjoni li japplikaw għat-traffikar illeċitu ta' drogi għal sustanzi psikoattivi ġodda li huma ta' riskju kbir għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli, fil-livell soċjali" (premissa 9).</p> <p>Madankollu, naħsbu li mhux id-dispożizzjonijiet kollha tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI għandhom japplikaw għas-sustanzi psikoattivi ġodda.</p> <p>Fir-rigward tal-imġiba deskritta fis-subparagrafi (a), (c) u (d) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757, aħna naħsbu li l-Istati Membri għandhom jingħataw id-diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk l-imġiba deskritta taħt (c) – pussess jew xiri – għandhiex tiġi kriminalizzata jew le. Billi d-Direttiva fiha standards minimi, kwalunkwe Stat Membru huwa liberu li jmur lil hinn minnhom – iżda l-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati, bis-saħħa tad-Dritt tal-Unjoni, li jikkriminalizzaw tali mġiba.</p> <p>Approċċ aktar limitat bħal dan min-naħa tal-leġislatur tal-Unjoni jkun konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà b'mod ġenerali u mal-kondizzjonijiet previsti mit-Trattati għal-leġislazzjoni fid-dritt kriminali:</p> <p>"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' direttivi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jstabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità partikolarment gravi ta' dimensjoni transkonfinali li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażijiet komuni." (Art. 83 paragrafu 1 TFUE).</p> <p>Aħna naħsbu li l-pussess jew ix-xiri ta' sustanzi psikoattivi ġodda fih innifsu ma jissodisfax il-kriterji (enfasizzati) ċitati tat-Trattat."</p>			

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit iqis li kemm il-Protokoll (Nru 19) kif ukoll il-Protokoll (Nru 21) tat-Trattati japplikaw għad-Direttiva li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi.

F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Protokoll (Nru 21), il-Protokoll (Nru 21) huwa mingħajr preġudizzju għall-Protokoll (Nru 19) dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant f'konformità mal-Artikolu 5(2) tal-Protokoll (Nru 19) għat-Trattati dwar l-Acquis ta' Schengen, ir-Renju Unit indika li ma jixtieqx jieħu sehem f'din id-Direttiva.

Biex jiġi evitat kull dubju, ir-Renju Unit mhux qiegħed jeżerċita d-dritt tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 3(1) tal-Protokoll (Nru 21) tat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, biex jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva.

Għaldaqstant, ir-Renju Unit mhux qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1789 tas-25 ta' Settembru 2017 li tabroga d-Deċiżjoni 2009/415/UE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Greċja ĠU L 256, 4.10.2017, p. 5-8	11240/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 4/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Niproteġu l-baġit tal-UE minn infiq irregolari: Il-Kummissjoni għamlet użu dejjem akbar mill-miżuri preventivi u l-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qasam tal-Koeżjoni matul il-perjodu 2007-2013	11929/1/17 REV 1

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (EU) 2017/1767 tal-25 ta' Settembru 2017 li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-karburanti tal-magni użati fil-gżejjer tal-Inner u tal-Outer Hebrides, fin-Northern Isles, fil-gżejjer fiż-żona Clyde, u fl- Isles of Scilly, b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE ĠU L 250, 28.9.2017, p. 69-70	9871/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (EU) 2017/1769 tal-25 ta' Settembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tikkonkludi ftehim mal-Ukrajna li jinkludi dispożizzjonijiet li jidderogaw mill-punt (d) tal-Artikolu 2(1) u mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is- sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tal-manutenzjoni tal-pontijiet tat-triq fil- frontiera Polonja-Ukrajna ĠU L 250, 28.9.2017, p. 73-75	11285/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1768 tal-25 ta' Settembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Kroazja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 250, 28.9.2017, p. 71-72	11284/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1774 tal-25 ta' Settembru 2017 li tissottoponi N-(1-fenetilpiperidin-4-il)-N-fenilakrilamid (akriloilfentanil) għal miżuri ta' kontroll ĠU L 251, 29.9.2017, p. 21-22	8858/17

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Programm tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati	12163/17
<p>Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Irlandiża</p> <p>Id-delegazzjoni Irlandiża tinnota li huwa maħsub li l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Programm tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati inqas minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni ta' din il-proposta lill-Kunsill.</p> <p>F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, konxja mill-fatt li l-Konklużjonijiet għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Eżekuttiv tal-UNHCR fit-68 Sessjoni tiegħu bejn it-2 u s-6 ta' Ottubru, id-delegazzjoni Irlandiża mhux ser tinsisti, f'dan il-każ, fuq id-dritt tagħha li jkollha tliet xhur li fihom teżerċita l-għażla tal-Irlanda li tinnotifika lill-President tal-Kunsill bix-xewqa tagħha li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 21 dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.</p>	
<p>Dikjarazzjoni mir-Renju Unit</p> <p>Ir-Renju Unit u l-Irlanda għandhom pożizzjoni speċjali skont il-Protokoll 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 3 tal-Protokoll 21 jipprovdi lir-Renju Unit u lill-Irlanda b'perijodu ta' 3 xhur biex jikkunsidraw jekk għandhomx jieħdu sehem f'miżura.</p> <p>Il-Protokoll japplika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Programm tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati.</p> <p>Ir-Renju Unit jiddispijaċih li ma ġiex mogħti t-tliet xhur sħaħ, f'konformità mat-Trattati, biex jieħu deċiżjoni dwar jekk jipparteċipax f'din il-miżura. Għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, u mhuwiex ser ikun marbut biha.</p>	

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra	5431/15
Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra	15616/10
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1766 tal-25 ta' Settembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim Interim li jstabbilixxi qafas ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea u bidliet fil-lista ta' pajjiżi u territorji assoċjati mal-Unjoni Ewropea ĠU L 250, 28.9.2017, p. 61-68	12109/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1790 tat-12 ta' Settembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Armenja ĠU L 256, 4.10.2017, p. 9-10	11258/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1754 tal-25 ta' Settembru 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 246, 26.9.2017, p. 7-9	12099/17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1751 tal-25 ta' Settembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 246, 26.9.2017, p. 1-3	12102/17
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor 1992	11874/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 34/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-Ġlieda kontra l-Ħela tal-Ikel: opportunità għall-UE sabiex ittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-katina tal-provvista tal-ikel"	12552/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2209 tal-25 ta' Settembru 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jstabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 316, 1.12.2017, p. 1-2	11897/17
Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jstabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 316, 1.12.2017, p. 3-6	11924/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2210 tal-25 ta' Settembru 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jstabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 316, 1.12.2017, p. 7-8	11915/17
Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jstabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 316, 1.12.2017, p. 9-12	11926/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2211 tal-25 ta' Settembru 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jstabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 316, 1.12.2017, p. 13-14	11916/17
Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jstabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)	11927/17

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f' isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)	11918/17
Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)	11928/17
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f' isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv tal-Konvenzjoni TIR, fir-rigward tal-proposta għal emenda tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti li jaqgħu taħt il-Karnets TIR tal-1975	11946/17
Proċeduri bil-miktub li tlestew fit-28 ta' Settembru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1776 tat-28 ta' Settembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 251, 29.9.2017, p. 28-28	12257/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali ĠU L 251, 29.9.2017, p. 23-27	12100/17
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1770 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali ĠU L 251, 29.9.2017, p. 1-10	12130/17

Proċedura bil-miktub li tlestiet fid-29 ta' Settembru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tinnegozja strumenti dwar l-infurzar ta' ftehimiet internazzjonali ta' riżoluzzjoni ta' tilwim kummerċjali li jirriżultaw minn konċiljazzjoni fil-qafas tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNCITRAL)	12176/1/17 REV 1
<p>Dikjarazzjoni Konġunta mid-delegazzjonijiet ta' Franza, Spanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Italja</p> <p>Franza, Spanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Italja jissottolinjaw li l-fatt li n-negozjati futuri fil-qafas tal-UNCITRAL huma marbuta ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 81 (2) TFUE mhux biżżejjed biex tingħata lill-Unjoni kompetenza esterna f'dawn il-kwistjonijiet. F'dan il-każ, l-Unjoni għandha kompetenza esterna biss fil-każ fejn il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali jista' jolqot ir-regoli komuni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.</p> <p>Huma jfakkru li r-rikonossiment u l-infurzar ta' ftehimiet internazzjonali ta' riżoluzzjoni ta' tilwim kummerċjali li jirriżultaw mill-konċiljazzjoni għadhom irregolati mil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.</p> <p>Huma jikkunsidraw li l-Istati Membri huma għalhekk kompetenti wkoll biex jipparteċipaw b'mod attiv flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera, fin-negozjati fil-qafas UNCITRAL. F'dan ir-rigward, id-direttivi li jinsabu fl-Anness huma mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, li, jekk ikun il-każ, ser ikollhom jiġu rieżaminati fil-fond fi tmiem in-negozjati bil-ħsieb tat-test finali tal-Konvenzjoni.</p>	

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Awstrija

Minbarra d-dikjarazzjoni konġunta tagħna flimkien, ir-Repubblika ta' Franza, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Renju ta' Spanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija u ir-Repubblika Taljana, l-Awstrija tfakkar fil-pożizzjoni tagħha u t-tħassib dwar id-direttivi ta' negozjar stabbiliti fil-kummenti tagħha tas-7 ta' Settembru 2017 (11997/17 JUSTCIV 199) u matul l-aħħar laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili.

L-Awstrija, għalhekk, thegħegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikompli jeżaminaw id-direttivi inklużi fl-Anness (12176/17 JUSTCIV 205 ADD 1 RESTREINT UE/EU RESTRICTED), sabiex jiżguraw li kwalunkwe strument futur ma jillimitax id-drittijiet ta' aċċess taċ-ċittadini jew tal-kumpaniji għall-qrati, iżda jiżguraw li jinżammu l-istandards ta' valur għoli kif stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea.

B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu elaborati standards għoljin biżżejjed għall-proċess kollu ta' medjazzjoni u biex jiġu żgurati l-kwalità u n-newtralità tal-medjatur. Jeħtieġ li jiġi ristrett l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument futur u li jiġu previsti mekkaniżmi ta' difiża suffiċjenti sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin li jkun ta' żvantagħ għall-parti l-aktar vulnerabbli. Għall-istess raġuni, sistema ta' infurzar mingħajr ebda kontroll legali fl-Istat ta' oriġini m'għandhiex tiġi aċċettata mingħajr garanziji simili.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Filwaqt li r-Renju Unit jista' jappoġġa l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza n-negozjar, fi ħdan l-UNCITRAL, kemm ta' Liġi Mudell kif ukoll ta' Konvenzjoni dwar l-infurzar ta' ftehimiet internazzjonali ta' rizzoluzzjoni ta' tilwim kummerċjali, bħal għadd ta' Stati Membri oħra huwa ma jaċċettax li ġie stabbilit li l-UE għandha kompetenza esklużiva f'dan il-qasam.

Barra minn dan, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 21 għat-Trattati, ir-Renju Unit innotifika lill-President tal-Kunsill li huwa xtaq jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u jqis li l-inklużjoni tal-kelma "għalhekk" fit-test tal-Premessa 6 hija impreċiża. Il-fatt li r-Renju Unit qed jieħu sehem fir-Regolament 1215/2012 ma jrendix inoperattivi, fil-fehma tiegħu, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 21.